MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1805/2002

**Laferla Insurance Agency Limited bhala rappresentanti lokali tad-ditta assikuratrici Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Alfred Cauchi u Alfred Cauchi**

**vs**

**Mauro Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sebgha u tletin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm737.52) u fejn intqal:**
**Illi fis-6 ta' Frar, 2002, filwaqt li l-vettura ta' Alfred Cauchi, Kia Avella LCC-479 kienet ipparkeggjata gewwa Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, il-konvenut, filwaqt li kien qed isuq il-vettura Isuzu Gemini LAG-763, baqa' diehel gewwa l-vettura ta' Alfred Cauchi;**

**Ghaldaqstant intalab lit-Tribunal sabiex:**
**i. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni tas-6 ta' Frar, 2002, bejn il-vettura Isuzu Gemini LAG-763 misjuqa minn Mauro Caruana, u l-vettura ta' Alfred Cauchi, Kia Avella LCC-479 li kienet ipparkeggjata gewwa Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, u proprjeta` ta' l-attur Alfred Cauchi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur;**
**ii. Tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma ta' seba' mija u tnax-il lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm712.52) dovuti lis-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) dovuti lil Alfred Cauchi jew somma verjuri illi tista' tigi likwidata mit-Tribunal;**
**iii. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u tnax-il lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm712.52) dovuti lis-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) dovuti lil Alfred Cauchi jew somma verjuri illi tista' tigi likwidata mit-Tribunal;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10), u ta' l-ittra bonarja mibghuta lill-konvenut fil-11 t'April, 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dana l-att sad-data tal-pagament effettiv;**
**Bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Francesco Depasquale ghall-atturi li kkonferma li l-ammont mitlub huwa dovut ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas: lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u tnax-il lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm712.52), u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija**

**(Lm25.00), bl-imghax legali mill-24 ta' Lulju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ghaxar liri Maltin (Lm10.00) tal-konsult, u ta' l-ittra bonarja mibghuta lill-konvenut fil-11 t'April, 2002, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**